

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

5.7.2006

B6-0387/2006 }  
B6-0388/2006 }  
B6-0389/2006 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Ria Oomen-Ruijten u José Albino Silva Peneda, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Martin Schulz, Stephen Hughes, Jan Andersson, Joel Hasse Ferreira, Jean Louis Cottigny, Alain Hutchinson, Edite Estrela u Jamila Madeira, f'isem il-Grupp PSE
- Jorgo Chatzimarkakis, f'isem il-Grupp ALDE
- Eugenijus Maldeikis, Umberto Pirilli u Roberta Angelilli, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PSE (B6-0387/2006)
- PPE-DE (B6-0388/2006)
- ALDE (B6-0389/2006)

dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta' ristrutturar ta' kumpaniji fl-Ewropa

## **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta' ristrutturar ta' kumpaniji fl-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali Soċjali tal-Ħaddiema ta' l-1989 u l-programm ta' azzjoni assoċjat magħha,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 75/129/KEE<sup>1</sup>, kif emendata mid-Direttiva 92/56/KEE<sup>2</sup>, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' sitwazzjonijiet kollettivi ta' ħaddiema żejda li jkunu friskju li jitkeċċew,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE<sup>3</sup> dwar it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew ta' proċedura fl-intrapriżi fuq skala Komunitarja bl-għan li jiġu infurmati u kkonsultati l-impjegati,
  - wara li kkunsidra t-trasformazzjonijiet mgħaġġla u t-tibdiliet ekonomiċi li jistgħu jaffettwaw kumpaniji fl-Istati Membri kollha, kemm b'mod pożittiv u anki b'mod negattiv,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-rilokazzjoni fil-kuntast ta' l-iżvilupp reġjonali, u tal-15 ta' Marzu 2006 dwar ristrutturar u impjeg, u l-bosta riżoluzzjonijiet li għadda qabel dwar ristrutturar tal-kumpaniji, rilokazzjonijiet, egħluq u unifikazzjoni ta' intrapriżi, speċjalment dik tat-13 ta' Marzu 2006 dwar l-għeluq ta' intrapriża wara li tirċievi għajjnuna finanzjarja ta' l-UE,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/14/KE<sup>4</sup> tal-11 ta' Marzu 2002 i tistabbilixxi qafas ġenerali bil-għan li jiġu infurmati u kkonsultati l-impjegati fil-Komunità Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kumpaniji għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' mmaniġġjar li jassiguraw it-tkabbir tan-negozju ta' l-intrapriżi tagħhom, u billi r-ristrutturar ta' l-intrapriżi għandu jħares il-progress soċjali u ekonomiku jekk it-tibdiliet meħtieġa jkunu jindirizzaw l-isfidi tat-trawwim ta' żvilupp ta' ekonomija sostenibbli, flimkien ma' determinazzjoni biex jiġu mħarsa l-għajjnuna soċjali u l-ambjent,
- B. billi l-Istrateġija ta' Liżbona hija mmirata biex tibdel l-UE fl-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika tad-dinja bbażata fuq l-għerf, kapaċi li jkollha żvilupp ekonomiku sostenibbli b'aktar xogħol u ta' livell ogħla u b'koeżjoni soċjali akbar,
- C. billi r-ristrutturar għandu jiġi mmexxi b'mod soċjalment u ambjentalment sensitiv, u jekk dan ma jirnexxi jista' jmur kontra l-oġġettivi ta' Liżbona li jfittxu li (tħassir) jmorru kontra l-oġġettivi ta' Liżbona, li jfittxu li jippromwovu l-okkupazzjoni sħiħa, il-kwalità ta' l-impjegi, il-koeżjoni soċjali u territorjali u l-iżvilupp sostenibbli,

<sup>1</sup> ĠU L 48, 22.2.1975, p. 29.

<sup>2</sup> ĠU L 245, 26.8.1992, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64

<sup>4</sup> ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.

1. Jitlob lill-Kummissjoni, kif diġà mitlub fir-risoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Frar 2004 dwar il-kriżi fis-settur tal-ħadid u l-azzar, biex tadotta strateġija aktar deċiżiva biex tindirizza r-ristrutturar industrijali u l-impatt soċjali tiegħu;
2. Jikkunsidra li għajnuna minn fondi pubbliċi għandha tkun marbuta ma' ftehimiet ta' terminu twil mill-maniġment ta' kumpanija f'kwistjonijiet ta' impjeg u żvilupp lokali;
3. Jitlob lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri, biex jirtiraw is-sussidji mill-programmi ta' għajnuna u biex jitolbu għal rimbors ta' dawn is-sussidji minn kumpaniji li ma jirrispettawx l-obbligazzjonijiet tagħhom;
4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex jippromwovu djalogu Ewropew dwar ristrutturar industrijali kif ukoll dwar riformi strutturali tas-suq tax-xogħol biex jiġu żgurati l-vantaġġi tal-globalizzazzjoni, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt soċjali;
5. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza ta' Direttiva tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet li taħdem tajjeb u li tiżgura li t-tagħrif u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema jitwettqu b'mod xieraq;
6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal mingħajr dewmien evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni tad-direttiva dwar sitwazzjonijiet kollettivi ta' ħaddiema żejda li jkunu f'riskju li jitkeċċew u dwar għeluq ta' kumpaniji u biex tressaq proposti għal miżuri sabiex tiġi żgurata konformità;
7. Jilqa' l-Fond ta' Globalizzazzjoni li se jseħħ fil-futur viċin, li se jappoġġja l-ħaddiema u jtejjeb l-infrastruttura soċjali u edukattiva fir-rigward ta' sitwazzjonijiet kollettivi ta' ħaddiema żejda li jkunu f'riskju li jitkeċċew, u jitlob lill-Kunsill biex jadotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu mill-aktar fis possibbli wara l-ewwel qari tal-Parlament;
8. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-ħaddiema kollha, mal-familji tagħhom u mal-komunitajiet affetwati minn sitwazzjonijiet ta' ħaddiema żejda li jkunu f'riskju li jitkeċċew;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, u lill-imsieħba soċjali.